

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 920/2012

tal-4 ta' Ottubru 2012

li jipprojbixxi l-attivitajiet tas-sajd għal bastimenti li jistadu bil-konz li jtajru l-bandiera ta' Ċipru jew huma reġistrati fih, li jkunu qed jistadu għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Mediterran

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 36, il-paragrafu 2 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 44/2012 tas-17 ta' Jannar 2012 li jiffissa għall-2012 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali⁽²⁾, jiffissal-ammont ta' tonn li jista' jsir sajd għalih fl-2012 mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea, fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Mediterran.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 tas-6 ta' April 2009 li jstabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 43/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1559/2007⁽³⁾, jirrikjedi lill-Istati Membri li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-kwota individwali allokata lill-bastimenti tagħhom b'tul ta' iktar minn 24 metru, u għall-bastimenti tal-qbid b'tul ta' anqas minn 24 m, mill-inqas dwar il-kwota allokata lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew lill-gruppi ta' bastimenti li jistadu b'irkaptu simili.
- (3) Il-Politika Komuni tas-Sajd hija mfassla b'tali mod li tiżgura l-vijabbiltà fit-tul tas-settur tas-sajd permezz tal-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin abbażi tal-approċċ ta' prekawzjoni.
- (4) Skont l-Artikolu 36, il-paragrafu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni ssib li, abbażi tal-informazzjoni li tingħata mill-Istati Membri u ta' informazzjoni rilevanti oħra fil-pussess tagħha, l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni Ewropea, għal Stat Membru jew għal grupp ta' Stati Membri jitqiesu li ġew eżawriti għal irkaptu wieħed jew iktar

jew għal flotta waħda jew aktar, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati dwar dan u għandha ttipprojbixxi l-attivitajiet tas-sajd għaż-żona, għall-irkaptu, għall-istokk, għall-grupp tal-istokkijiet jew għall-flotta kkonċernata involuti f'dawk l-attivitajiet tas-sajd speċifiċi.

- (5) Mill-informazzjoni li għandha l-Kummissjoni jidher li l-opportunitajiet tas-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Mediterran allokati lill-bastimenti li jistadu bil-konz li jtajru l-bandiera ta' Ċipru jew li huma rreġistrati fih ġew eżawriti.
- (6) Fit-22 ta' Awwissu 2012, Ċipru informa lill-Kummissjoni bil-fatt li kien impona waqfien fuq l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tiegħu li jistadu bil-konz attivi fis-sajd għat-tonn fl-2012. Fil-5 ta' Settembru Ċipru informa lill-Kummissjoni li dan l-għeluq daħal fis-seħħ fid-09:39 fit-22 ta' Awwissu 2012.
- (7) Mingħajr preġudizzju għall-azzjoni li ttieħdet minn Ċipru msemmija hawn fuq, huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tikkonferma l-projbizzjoni tas-sajd għat-tonn mit-22 ta' Awwissu 2012 fid-09:39 fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Mediterran mill-bastimenti tas-sajd bil-konz li jtajru l-bandiera ta' Ċipru jew li huma reġistrati fih,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Mediterran mill-bastimenti li jistadu bil-konz u li jtajru l-bandiera ta' Ċipru jew li huma reġistrati fih għandu jiġi projbit mill-22 ta' Awwissu 2012 fid-09:39, l-aktar tard.

Minn dik id-data għandu jiġi projbit ukoll li stokk ta' dan it-tip maqbud minn dawk il-bastimenti tas-sajd jinżamm abbord, jitqiegħed f'gagēg għat-tismin jew għat-trobbija, jiġi ttrażbordat, ittrasferiet jew jinħatt l-art.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 25, 27.1.2012, p. 55.

⁽³⁾ ĠU L 96, 15.4.2009, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ottubru 2012.

Għall-Kummissjoni,
Fisem il-President,
Maria DAMANAKI
Membru tal-Kummissjoni
